A.L. 129 ta' l-1997

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Ordni Dikjaratorju ta' Reġistrazzjoni ta' l-1997 dwar il-Belt Valletta u Floriana

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, il-Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali għamel l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni Dikjaratorju ta' Reġistrazzjoni ta' l-1997 dwar il-Belt Valletta u Floriana, u għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 1997.

Dikjarazzjoni ta' Arei ta' Reġistrazzjoni Dikjaratorji.

2. L-artijiet fil-Belt Valletta u Floriana murija mdawra b'linji mhux kontigwi fuq il-mappa markata bl-ittra X murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-ordni huma dikjarati Arei ta' Reġistrazzjoni Dikjaratorji għall-finijiet ta' l-artikolu 15 ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet.

Limitazzjoni.

3. Dan l-ordni għandu japplika għal l-art kollha, li bis-saħħa ta' l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet tinkludi bini u kull kostruzzjoni jew xogħlijiet:

(a) li huma tal-Gvern, ta' entijiet li fihom il-Gvern għandu sehem ta' kontroll jew ta' korpi parastatali; u/jew

(b) li jinsabu sitwati fil-blokki markati A, B, C u D fuq il-mappa markata Y murija fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni, liema art għandha tiġi reġistrata fir-Reġistru ta' l-Artijiet mis-sidien jew amministraturi ta' dik l-art, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Jannar, 1998.

Thassir ta' l-A.L. 131 ta' l-1994.


4. L-Ordni ta' l-1994 dwar Arei ta' Reġistrazzjoni, huwa b'dan imħassar.

B 910


SKEDA

(Artiklu 2)

Mappa X



Mappa Y


FLORIANA
B
A
C
D
IL-FOSOS
MISRAH
SAN PUBLIJU
MISRAH PAPA
GIOVANNI XXIII
KNISJA
SKOLA
KAPPELLA
MISRAH
TAL-FOSOS
MISRAH
SANT'ANNA
TRIQ SANT'ANNA
TRIQ SAN PUBLIJU
TRIQ SAN TUMAS
TRIQ VILHENA
TRIQ SARRIA
TRIQ IL-MALL
TRIQ VINCENZO BUGEJA
TRIQ L-ARGOTTI
TRIQ IL-KONSERVATORJU
ST. FRANCIS
RAVELIN
MISRAH
ROBERT SAMMUT
F.S. FENECH
IS-SUR
TA' SAN FILIPPU
IS-SUR
TA' SAN LUQA
ĠNIEN
PUBBLIKU
IL-FOSS TA' NOTRE DAME
TRIQ IL-FOSOS
MISRAH SIR
LUIGI PREZIOSI